# SAN PAWL *KUNTENT*

Dan hu l-isem ta' dik il-ħâra fejn hi mibnija l-pompa tal-ilma li fuq idek il-lemenija malli toħroġ mir-Rabat issib fuq it-triq ta' Ħad-Dingli.

San Pawl kif daħal?

Iva, għax l-isem tal-ħâra ġej minn xbieha tal-ħaġar tal-Qaddis minsuba fuq nitfa ta' għorfa f'nofs għalqa fid-daħla ta' dik it-trejqa li minn quddiem il-pompa tieħdok wara ftit tagħwiġ fuq it-triq tal-Buskett. Trejqa mwiegħra, imħaffra, mikduda bir-roti tal-karrettuni u b'saqajn il-bhejjem. In-nies tgħaddi minnha għax tqarrbek lejn il-Buskett, barra minn dan ebda ħajr ma fiha.

Mela, fil-bidu ta' din it-trejqa hemm din l-istatwa tal-ħaġar ta' San Pawl tbajjad fuq il-bejt tal-għorfa ta' Salvu ta' Dendel. Lil dan San Pawl laqqmuh *Kuntent.*

Għaddejt minn hemm ħamsin darba u qatt ma stajt nifhem il-għala n-nies tatu dan l-isem. Jekk tħares lejn l-istatwa ma ssibilha ebda ħjel ta' ħena u la fil-wiċċ u l-anqas fix-xeħta tal-ġisem. Min naġar dix-xbieha qatt ma ħaseb juri fomm daħkani u idejn li jixhdu l-ferħ. U l-għalqa ta' Salvu ma tantx tfarraġ il-qlub bi ġmielha, mela biex tridu Kuntent in-nies lil dan San Pawl?

Dejjem bix-xewqa li naf dan l-isem kif nibet, min jaf kemm staqsejt nies ta' dawk l-inħawi biex jatuni xi xaqq dawl. Kulħadd ikemmex xuftejh, jarfa' kitfejh il-fuq; jeħilsu il-koll xorta waħda: "Min jista' jaf il-għala semmewh hekk."

M'ilux kont wieqaf inħares lejn bieb ta' razzett żgħir m'hux bogħod minn dan San Pawl fuq it-triq ta' Ħad-Dingli.

Ir-razzett ma fih xejn, iżda fuq il-bieb hemm tinqix ħaġa sabiħa, Madonna u anġli, fis-sħab maqtugħin b'reqqa kbira.

Għala hekk imżejjen dal-bieb tal-għalqa kont k'ed ingħid bejni u bejn ruħi? Laħaq Marozz ix-xiħ, li kien burdnar fi żmienu, u meta rani midhi nħares lejn dal-bieb waqaf u qal: "Sbejjaħ hux?" Il-lum ma tantx issib bħalu dal-bieb."

—"Dan x'kien, barb? staqsejt jien.

—"X'kien ma nafx, il-lum ġnejna u żewġ għorfiet, igħidulhom "*Ta' Sura*" jew "*Ta' Frawla.*" Darba, il-flien kien qal li fiż-żmien f'dawn l-inħawi kien hemm ġnien tal-Kutnent tar-raħal."

"Għax tgħid għaddieli minn moħħi dal-ħsieb." Ilu ftit, barb."

—"Ilu nistħajjel, għax l-anqas naf x'kien dal-Kutnent." Saħħa għax it-triq twila.

U baqa' sejjer lejn Ħad-Dingli.

Jien bqajt inħares lejn il-bieb imma dil-kelma ta' *Kutnent* laqtitni m'hux ftit. Mela kien hemm xi żmien mita din il-ħâra kienet tissejjaħ "tal-Kutnent"; mela San Pawl kien "tal-Kutnent" u m'hux Kuntent kif issejjaħlu l-lum in-nies!

Tarax dan l-isem ta' Kutnent ftit għadu f'ħalq in-nies, għad li mitt sena ilu kulħadd kien jaf xi jfisser.

Fi żmien il-Gvernatur Ball (1802-10) u l-Gvernatur Maitland, (1813-24) il-kampanja tqassmet f'distretti u f'kull distrett il-Gvernatur għamel wieħed li jieħu ħsiebu minn floku u sejjaħlu *Luogotenente Governatore* u n-nies laqqmitu malajr *Luktnent* jew *Kutnent*. Naqraw li għall-ewwel kien hemm b'kollox tlieta-u-għoxrin Kutnent. Fl-1839, fi żmien il-Gvernatur Bouverie, flok il-kutnenti saru sindkijiet u dawn baqgħu sa żmienna; is-Sindku kien Kap tar-raħal u jagħmilha ta' maġistrat ukoll.

Il-Kutnent kien ikollu ġnien għalih jew xi għalqa biex, bħal dak li qallu, juri li l-Gvern kien iġibu u jafda fih. Uħud minn dawn il-ġonna kien imżejjen b'xi ħaġra minquxa fuq il-bieb bil-kitba li turi dal-ġnien għal fejn kien maħluq.

Iż-Żejtun għad hemm il-ġnien tal-Kutnent tar-raħal li l-lum semmewh *Luka Briffa* biex in-nies tiftakar f'dak iż-Żejtuni qalbieni li ġieb ruħu hekk tajjeb fit-taqbidiet mat-Torok fi żmien l-Assedju l-Kbir.

Dan il-ġnien il-lum miftuħ għal kulħadd biex in-nies titfarraġ qalb il-ħxejjex u l-fjuri li jżejnuh.

Fuq il-bieb, maħżuża fuq ħaġra kbira għadu jġib il-kitba li saret ma' dwar l-1815. Din il-kitba tgħid:

"Dan il-ġnien, maħsub li jinżamm għal dejjem għal
" Luktenti tar-raħal, ġiè mibdi u mitmum taħt il-ħakma tal-
" Kavalier u Barunett, Alessandro, Giovanni Ball, fl-isem tar-
" Rè tal-Ingilterra Ġorġ III."

Għalhekk m'hux għaġeb li dik l-istatwa ta' San Pawl ta' fuq it-triq ta' Ħad-Dingli ġiet imqiegħda fuq il-bejt tar-razzett, mita dik il-ħâra kienet tissejjaħ "Tal-Kutnent" u għalhekk kien magħruf bħal San Pawl tal-Kutnent.

Mita l-Kutnent sar Sindku n-nies tilfet l-isem ta' Kutnent u San Pawl minn tal-Kutnent sar Kuntent għax din kelma jafha kulħadd u l-kelma Kutnent kienet intsiet.

Hekk sejra d-dinja, il-warrani jintesa u l-kliem jitgħawweġ u jitlef it-tifsir li kellu mita nħoloq. U mita l-kelma tilħaq tiegħu bixla ħażina ħadd ma jista' jġibha għalli kienet. U biex tfisser kelma li darba tgħawġet tista' tiegħu bixla ħażina int ukoll. Jien bit-tama li San Pawl jaħfirli jekk, min għajr ma ridt, ħadt bixla ħażina mita dħalt biex insib kif ħadet l-isem ta' Kuntent ix-xbieha tiegħu, ir-Rabat fuq it-triq ta' Ħad-Dingli.

T. Z.